BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 37**

**IL-ĦAMIS 19 TA' FRAR, 2015**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Frar, 2015, fis-7.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħames Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civelli, **il-Kunsilliera** James Cauchi, Alfred Attard, Pablo Cachia Belli u Noyah Spiteri.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana

Skużati: Il-Viċi-Sindku Ivan Agius u l-Kunsillier Roderick Mamo

**AGENDA**

1. Stqarrijiet Finanzjarji 2015 (mhux awditjati)
2. Aġġudikazzjoni ta' Tender – KLBO 03/2014 – Knis u Tindif ta' Toroq
3. Aġġornament

**TALBA**

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**37/01** **Stqarrijiet Finanjarji 2014 (mhux awditjati)**

37/01/01 Is-Sur Brandon Camilleri kien imsejjaħ jispjega r-rapport tal-attivita' finanzjarja tal-Kunsill għas-sena tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2014. Is-Sur Camilleri ta spjegazzjoni dettaljata u wara rrimarka li l-Kunsill qed imexxi b'għaqal u qiegħed fit-triq it-tajba biex jimmeljora l-qagħda finanzjarja.

37/01/02 Is-Sindku resqet mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli għall-approvazzjoni tal-kontijiet kif ippreżentati.

37/01/03 Il-Kunsill unanimament approva l-accounts tal-Kunsill għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2014 biex jiġu preżentati lill-Awdituri tal-Kunsill għall verifika.

37/01/04 Is-Sindku Alison Zerafa Civelli u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana iffirmawhom.

**37/02** **Aġġudikazzjoni ta' Tender KLBO 03/2014 - Knis u Tindif ta' Toroq**

Peress li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien għadu ma ltaqax, din it-tema ġiet mħollija għal-laqgħa oħra.

**37/03** **Aġġornament**

37/03/01 Fl-aġġornament il-Kunsillier Alfred Attard ippropona li jorganizza ġita għal Sqallija fit-18 t'April 2015. Il-Kunsill unanimament approva.

37/03/02 Fid-8.45pm l-agenda ġiet eżawrita u l-Kunsill aġġorna għal nhar l-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 fis-6.30pm.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

18 ta' Frar, 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Bormla
2A The Rest
Pjazza Santa Margerita
Bormla

Sur Segretarju,

B'referenza għas-Seduta tal-Kunsill imsejħa għal għada 19 ta' Frar, 2015, fis-7.30pm, ninfurmak li mhux ser ikun possibli għalija li nattendi minħabba raġuni ta' xogħol.

Nitlob għalhekk li l-Kunsill jiskuża n-nuqqas ta' attendenza tiegħi.

I. Agius

Ivan Agius
Viċi Sindku